Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,107, 12 ta' Ġunju, 2001
Taqsima B

A.L. 136 ta' l-2001

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-PULIZIJA (KAP. 128)

Regolamenti ta' l-2001 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Proċeduri rigward Liċenzi tal-Pulizija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Liċenzi tal-Pulizija, il-Ministru ta' l-Intern għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2001 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Proċeduri rigward Liċenzi tal-Pulizija, u għandhom jinqraw u jiftehmu bħala waħda mar-Regolamenti ta' l-1991 dwar Proċeduri rigward Liċenzi tal-Pulizija, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 18 ta' 1991.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:–

"2. F'dawn ir-regolamenti "liċenza" tfisser liċenza biex f'xi post tagħmel jew iżżomm *workshop*, jew tiġġestixxi kummerċ jew negozju.".